MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-25 ta' Frar, 2005

Talba Numru. 2008/2004

**Advanced Telecommunications Systems Co. Ltd.**

**vs.**

**Eden Leisure Group Ltd.**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-27 ta' Ottubru 2004 fejn gie mitlub li s-socjeta` konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf mitejn hamsa u disghin lira u tmienja u erbghin centezmu (LM1,295.98) rapprezentanti valur ta' merkanzija ordnata mis-socjeta` konvenuta u konsenjata mis-socjeta` attrici.

Peress illi dan id-debitu baqa' dovut minkejja doversi interpellanzi da parti tas-socjeta` attrici u ghalhekk saret din il-kawza.
Bl-ispejjes u bl-imghax legali mid-data tal-konsenja inkluz spejjez ta' ittra ufficjali datata Settembru, 2004.

Ra n-nota prezentata mis-socjeta` attrici fejn hija cediet is-sorte izda zammet ferm il-kap ta’ l-ispejjez.

Ghaldaqstant it-Tribunal filwaqt li jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri tal-mertu, jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici l-ispejjes ta’ din l-istanza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------